



Kumitat għall-Baġits

2018/0248(COD)

21.11.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li
jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil
(COM(2018)0471 – C8-0271/2018 – 2018/0248(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Karine Gloanec Maurin

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-objettiv ġenerali tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, b'hal dak tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali, huwa li jipprovdi appoġġ finanzjarju u tekniku lill-Istati Membri bil-għan li jibnu ġestjoni sostenibbli tal-isfidi relatati mal-ażil, il-migrazzjoni u l-fruntieri esterni.

L-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddikjara preċiżament li l-politiki komuni huma bbażati fuq il-prinċipju doppju tas-solidarjetà u d-distribuzzjoni ġusta tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri.

Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, li għandu l-għan li jimplimenta dan l-approċċ komprensiv, irid jiġi ffinanzjat permezz ta' allokkazzjoni sostanzjali matul il-perjodu 2021-2027, sabiex jiġi ffaċilitat il-varar tiegħu b'mod ġust, effikaċi u diliġenti.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, b'hal l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Title

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni, l- Ażil u l-Integrazzjoni

Ġustifikazzjoni

Emenda orizzontali li tapplika għat-test kollu. L-integrazzjoni hija parti essenzjali mill-Fond u għandha tiġi riflessa wkoll fl-isem.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 7

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
--------------------------------------	---------------

(7) Jenħtieġ li l-Fond isostni l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi ta' migrazzjoni billi, fost affarijiet oħra, jippromwovi miżuri komuni fil-qasam tal-ażil, inklużi l-isforzi tal-Istati Membri fl-akkoljenza ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali permezz tar-risistemazzjoni u t-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, jew il-benefiċjarji tagħha, bejn l-Istati Membri, u li tappoġġa strateġiji ta' integrazzjoni kif ukoll politika aktar effettiva dwar il-migrazzjoni legali biex tiġi żgurata l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-futur tal-mudell soċjali tagħha u jitnaqqsu l-inċentivi għal migrazzjoni irregolari permezz ta' politika sostenibbli ta' ritorn u ta' riammissjoni. Jenħtieġ li l-Fond jappoġġa t-tiħi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex isahha il-ġestjoni ta' flussi ta' persuni li japplikaw għall-ażil u forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali, rimedji għal migrazzjoni legali u biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni illegali u tiġi żgurata sostenibbiltà ta' ritorn u riammissjoni effettiva lejn pajjiżi terzi.

(7) Jenħtieġ li l-Fond isostni l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi ta' migrazzjoni billi, fost affarijiet oħra, jippromwovi miżuri komuni fil-qasam tal-ażil, inklużi l-isforzi tal-Istati Membri fl-akkoljenza ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali permezz tar-risistemazzjoni u t-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, jew il-benefiċjarji tagħha, bejn l-Istati Membri, u li tappoġġa strateġiji ta' integrazzjoni kif ukoll politika aktar effettiva dwar il-migrazzjoni legali biex tiġi żgurata l-kompetittività fit-tul tal-Unjoni u l-futur tal-mudell soċjali tagħha u jitnaqqsu l-inċentivi għal migrazzjoni irregolari permezz ta' politika sostenibbli ta' ritorn u ta' riammissjoni. Jenħtieġ li l-Fond jappoġġa t-tiħi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex isahha il-ġestjoni ta' flussi ta' persuni li japplikaw għall-ażil u forom oħra ta' protezzjoni internazzjonali, rimedji għal migrazzjoni legali u biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni illegali u tiġi żgurata sostenibbiltà ta' ritorn u riammissjoni effettiva lejn pajjiżi terzi ***kemm f'każijiet volontarji kif ukoll f'dawk furzati.***

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Filwaqt li jiġi meqjus ir-rwol kruċjali li għandhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam ***ta' integrazzjoni*** u biex jiġi ***ffaċilitat*** l-aċċess ta' dawn l-entitajiet għall-finanzjament fil-livell tal-Unjoni, il-Fond jenħtieġ li jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-qasam ta' integrazzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali jew mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tal-użu tal-faċilità tematika u permezz ta' rata ta' kofinanzjament oġhla

Emenda

(17) Filwaqt li jiġi meqjus ir-rwol kruċjali li għandhom l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam ***tal-integrazzjoni*** u biex jiġi ***mtejjeb u mħaffef*** l-aċċess ta' dawn l-entitajiet għall-finanzjament fil-livell tal-Unjoni, il-Fond jenħtieġ li jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet fil-qasam ta' integrazzjoni mill-awtoritajiet lokali u reġjonali jew mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż permezz tal-użu tal-faċilità tematika u permezz ta' rata ta' kofinanzjament oġhla għal dawn l-

għal dawn l-azzjonijiet.

azzjonijiet.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Politika effiċjenti dwar ir-ritorn hija parti integrali tal-approċċ komprensiv tal-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jsegwu. Jenħtieġ li l-Fond jappoġġa u jinkoraġġixxi l-isforzi mill-Istati Membri bil-ħsieb ta' implimentazzjoni effettiva u żvilupp ulterjuri ta' standards komuni dwar ir-ritorn, b'mod partikolari kif stabbilit fid-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵, u ta' approċċ integrat u koordinat għall-ġestjoni tar-ritorn. Għal politiki ta' ritorn sostenibbli, il-Fond jenħtieġ ukoll li jappoġġa miżuri relatati f'pajjiżi terzi, bħalma huma r-riintegrazzjoni ta' persuni rimpatrijati.

¹⁵ Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Madankollu, ir-ritorni volontarji u infurzati huma interkonnessi, b'effett ta' rinfurzar reċiproku u, għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa biex isaħħu ***l-kumplimentaritajiet*** bejn dawn iż-

Emenda

(20) Politika effiċjenti dwar ir-ritorn hija parti integrali tal-approċċ komprensiv tal-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jsegwu. Jenħtieġ li l-Fond jappoġġa u jinkoraġġixxi l-isforzi mill-Istati Membri bil-ħsieb ta' implimentazzjoni effettiva u żvilupp ulterjuri ta' standards komuni dwar ir-ritorn, b'mod partikolari kif stabbilit fid-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵, u ta' approċċ integrat u koordinat għall-ġestjoni tar-ritorn. Għal politiki ta' ritorn sostenibbli, ***kemm f'każijiet volontarji u wkoll f'dawk furzati***, il-Fond jenħtieġ ukoll li jappoġġa miżuri relatati f'pajjiżi terzi, bħalma huma r-riintegrazzjoni ta' persuni rimpatrijati.

¹⁵ Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

Emenda

(22) Madankollu, ir-ritorni volontarji u infurzati huma interkonnessi, b'effett ta' rinfurzar reċiproku u, għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa biex isaħħu ***l-komplementarjetajiet*** bejn dawn

żewġ forom ta' ritorn. Il-possibbiltà ta' tneħħijiet hija element importanti li jikkontribwixxi għall-integrità tas-sistemi tal-ażil u tal-migrazzjoni legali. Jenħtieġ għalhekk li l-Fond jappoġġa l-azzjonijiet ta' appoġġ tal-Istati Membri li jiffaċilitaw u jwettqu tneħħijiet f'konformità mal-istandards stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, fejn ikun applikabbli, u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u d-dinjità tal-persuni rimpatrijati.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Minbarra l-appoġġ għar-ritorn ta' persuni kif previst f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Fond jappoġġa wkoll miżuri oħra biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni illegali, jiġu indirizzati l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali jew l-evitar ta' regoli eżistenti dwar l-immigrazzjoni legali, biex b'hekk tiġi salvagwardata l-integrità tas-sistemi tal-immigrazzjoni tal-Istati Membri.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Jenħtieġ li l-Fond jirrifletti l-hteġa għal żieda **fil-flessibilità** u s-simplifikazzjoni filwaqt li jirrispetta r-rekwiżiti f'termini ta' prevedibbiltà, u filwaqt li jiżgura distribuzzjoni ġusta u trasparenti ta' riżorsi sabiex jiġu ssodisfati l-oġettivi ta' politika u l-oġettivi speċifiċi stipulati f'dan ir-Regolament.

iż-żewġ forom ta' ritorn. Il-possibbiltà ta' tneħħijiet hija element importanti li jikkontribwixxi għall-integrità tas-sistemi tal-ażil u tal-migrazzjoni legali. Jenħtieġ għalhekk li l-Fond jappoġġa l-azzjonijiet ta' appoġġ tal-Istati Membri li jiffaċilitaw u jwettqu tneħħijiet **u r-ritorni furzati** f'konformità mal-istandards stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, fejn ikun applikabbli, u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u d-dinjità tal-persuni rimpatrijati.

Emenda

(25) Minbarra l-appoġġ għar-ritorn ta' persuni kif previst f'dan ir-Regolament, **kemm f'każijiet volontarji kif ukoll f'dawk furzati**, jenħtieġ li l-Fond jappoġġa wkoll miżuri oħra biex tiġi miġġielda l-migrazzjoni illegali, jiġu indirizzati l-inċentivi għall-migrazzjoni illegali jew l-evitar ta' regoli eżistenti dwar l-immigrazzjoni legali, biex b'hekk tiġi salvagwardata l-integrità tas-sistemi tal-immigrazzjoni tal-Istati Membri.

Emenda

(33) Jenħtieġ li l-Fond jirrifletti l-hteġa għal żieda **fit-trasparenza, fil-flessibilità** u s-simplifikazzjoni filwaqt li jirrispetta r-rekwiżiti f'termini ta' prevedibbiltà, u filwaqt li jiżgura distribuzzjoni ġusta u trasparenti ta' riżorsi sabiex jiġu ssodisfati l-oġettivi ta' politika u l-oġettivi speċifiċi stipulati f'dan ir-Regolament.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Jenħtieġ li l-Fond jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-ispejjeż operattivi relatati mal-ażil u mar-ritorn u jippermetti li l-Istati Membri jżommu kapaċitajiet li huma kruċjali għal dak is-servizz għall-Unjoni fl-intier tagħha. It-tali appoġġ jikkonsisti minn rimborż sħiħ ta' spejjeż speċifiċi relatati mal-oġġettivi skont il-Fond u jenħtieġ li jiffirma parti integrali mill-programmi tal-Istati Membri.

Emenda

(40) Jenħtieġ li l-Fond jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-ispejjeż operattivi relatati mal-ażil u mar-ritorn, ***kemm volontarji kif ukoll furzati***, u jippermetti li l-Istati Membri jżommu kapaċitajiet li huma kruċjali għal dak is-servizz għall-Unjoni fl-intier tagħha. It-tali appoġġ jikkonsisti minn rimborż sħiħ ta' spejjeż speċifiċi relatati mal-oġġettivi skont il-Fond u jenħtieġ li jiffirma parti integrali mill-programmi tal-Istati Membri.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni

(55) Filwaqt li jirrifletti dwar l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Fond se jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjonijiet klimatiċi u ***għall-kisba ta'*** mira kumplessiva ta' 25 % ta' nfiq tal-baġit tal-UE li jappoġġa l-oġġettivi tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Fond, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

Emenda

(55) Filwaqt li jirrifletti dwar l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Fond se jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjonijiet klimatiċi u ***biex tinkiseb*** mira kumplessiva ta' 25 % ta' nfiq tal-baġit tal-UE li jappoġġa l-oġġettivi tal-klima ***matul il-perjodu tal-QFP 2021-2027, u mira annwali ta' 30 % malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2027***. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tnejn u l-implimentazzjoni tal-Fond, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni

(57) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹. Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għal atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-obbligi komuni fuq l-Istati Membri, partikolarment dwar il-provvediment ta' informazzjoni lill-Kummissjoni, u l-proċedura konsultattiva jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni marbuta mal-formoli mudell għall-provvediment ta' informazzjoni lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-programmar u r-rappurtar, fid-dawl tan-natura purament teknika tagħhom.

²⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Emenda 11

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Emenda

(57) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. ***L-atti delegati mressqa mill-Kummissjoni jridu jippermettu trasparenza sħiħa fil-konfront tal-Kunsill u tal-Parlament dwar l-infiq ta' fondi Ewropej.*** Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹. Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għal atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-obbligi komuni fuq l-Istati Membri, partikolarment dwar il-provvediment ta' informazzjoni lill-Kummissjoni, u l-proċedura konsultattiva jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni marbuta mal-formoli mudell għall-provvediment ta' informazzjoni lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-programmar u r-rappurtar, fid-dawl tan-natura purament teknika tagħhom.

²⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-kontribut lejn il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-iżgurar tal-effettività ta' ritorn u r-riammissjoni fil-pajjiżi terzi.

Emenda

(c) il-kontribut lejn il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-iżgurar tal-effettività ta' ritorn u r-riammissjoni fil-pajjiżi terzi, ***kemm f'każijiet volontarji kif ukoll f'dawk furzati.***

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR 10 415 000 000 fi prezzijiet attwali.

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Fond għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' ***EUR 9 204 957 000 fi prezzijiet tal-2018*** (EUR 10 415 000 000 fi prezzijiet attwali).

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) EUR 6 249 000 000 għandhom jiġu allokati għall-programmi implimentati b'ġestjoni kondiviża;

Emenda

(a) ***EUR 5 522 974 000 fi prezzijiet tal-2018*** (EUR 6 249 000 000 ***fi prezzijiet attwali***) għandhom jiġu allokati għall-programmi implimentati b'ġestjoni kondiviża;

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b**

Test propost mill-Kummissjoni

(b) EUR 4 166 000 000 għandhom jiġu allokati għall-faċilità tematika.

Emenda

(b) ***EUR 3 681 982 000 fi prezzijiet tal-2018*** (EUR 4 166 000 000 ***fi prezzijiet attwali***) għandhom jiġu allokati għall-faċilità tematika.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni ma tistax taqbeż **il-75** % tat-total tan-nefqa eliġibbli ta' proġett.

Emenda

1. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni ma tistax taqbeż **it-80** % tat-total tan-nefqa eliġibbli ta' proġett. ***L-Istati Membri huma mħeġġa li jipprovdu fondi korrispondenti għall-attivitajiet appoġġati mill-fond.***

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni skont il-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn kull programm ieħor tal-Unjoni, inklużi Fondi taħt ġestjoni kondiviża, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. Ir-regoli ta' kull programm tal-Unjoni kontribwenti għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni u l-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkolat fuq bażi prorata b'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

Emenda

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni skont il-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn kull programm ieħor tal-Unjoni, inklużi Fondi taħt ġestjoni kondiviża, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. ***Il-programmi proposti mill-Kummissjoni għandhom jinteraġixxu u jikkomplementaw lil xulxin u jkunu mfassla bil-livell meħtieġ ta' trasparenza sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni.*** Ir-regoli ta' kull programm tal-Unjoni kontribwenti għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni u l-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkolat fuq bażi prorata b'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Sal-15 ta' Frar 2023 u sal-istess data ta' kull sena sussegwenti sa u inkluża l-2031, l-Istati Membru għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni r-rapport annwali dwar il-prestazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 36(6) tar-Regolament (UE) .../2021 [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. Ir-rapport ippreżentat fl-2023 għandu jkopri l-implimentazzjoni tal-programm fil-perjodu sat-30 ta' Ġunju 2022.

Emenda

1. Sal-15 ta' Frar 2023 u sal-istess data ta' kull sena sussegwenti sa u inkluża l-2031, l-Istati Membru għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni r-rapport annwali dwar il-prestazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 36(6) tar-Regolament (UE) .../2021 [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni]. Ir-rapport ippreżentat fl-2023 għandu jkopri l-implimentazzjoni tal-programm fil-perjodu sat-30 ta' Ġunju 2022. ***L-Istati Membri għandhom jippubblikaw dawn ir-rapporti fuq is-sit web iddedikat tal-Awtorità Maniġerjali kif stipulat fl-Artikolu 44 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapporti ta' prestazzjoni annwali fuq il-paġna web iddedikata.***

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Il-Kummissjoni għandha tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew dwar l-użu ta' fondi jew in-nuqqas tal-użu tagħhom, dwar is-suċċessi jew il-fallimenti u dwar il-valur miżjud Ewropew tal-miżuri fffinanzjati.

Emenda 19

**Proposta għal regolament
Anness I – punt 1 – punt b – inċiż 3**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– 40% għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, inkluż ir-ritorn.

– 40 % għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari, inkluż ir-ritorn, ***kemm volontarju kif ukoll furzat.***

Emenda 20

Proposta għal regolament Anness I – punt 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-kriterji li ġejjin fil-qasam tal-
għlieda kontra l-migrazzjoni irregolari
inklużi r-ritorni se jiġu kkunsidrati u
għandhom jingħataw il-piż li ġej:

Emenda

4. Il-kriterji li ġejjin fil-qasam tal-
għlieda kontra l-migrazzjoni irregolari
inklużi r-ritorni ***kemm volontarji kif ukoll
furzati***, se jiġu kkunsidrati u għandhom
jingħataw il-piż li ġej:

Emenda 21

Proposta għal regolament Anness III – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) it-twaqqif u l-iżvilupp ta' strateġiji
nazzjonali fil-qasam tal-ażil, il-migrazzjoni
legali, l-integrazzjoni, ir-ritorn u l-
migrazzjoni irregolari;

Emenda

(a) it-twaqqif u l-iżvilupp ta' strateġiji
nazzjonali fil-qasam tal-ażil, il-migrazzjoni
legali, l-integrazzjoni, ir-ritorn ***volontarju
u furzat***, u l-migrazzjoni irregolari;

Emenda 22

Proposta għal regolament Anness III – punt 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) il-preparazzjoni tar-ritorn, inklużi
miżuri li jwasslu għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet
ta' ritorn, l-identifikazzjoni ta' ċittadini ta'
pajjiżi terzi, il-ħruġ ta' dokumenti tal-
ivvjaġġar u t-traċċar tal-familji;

Emenda

(e) il-preparazzjoni tar-ritorn
volontarju jew furzat, inklużi miżuri li
jwasslu għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet ta'
ritorn, l-identifikazzjoni ta' ċittadini ta'
pajjiżi terzi, il-ħruġ ta' dokumenti tal-
ivvjaġġar u t-traċċar tal-familji;

Emenda 23

Proposta għal regolament Anness III – punt 4 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(k) il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fuq il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u fuq ir-ritorn effettiv u r-riammissjoni, inkluż fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' riammissjoni u arranġamenti oħra;

(k) il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fuq il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u fuq ir-ritorn effettiv u r-riammissjoni, ***kemm f'każijiet volontarji kif ukoll f'dawk furzati***, inkluż fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' riammissjoni u arranġamenti oħra;

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Title	L-istabbiliment tal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil	
Referenzi	COM(2018)0471 – C8-0271/2018 – 2018/0248(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 2.7.2018	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 2.7.2018	
Rapporteur Data tal-ħatra	Karine Gloanec Maurin 28.6.2018	
Eżami fil-kumitat	24.9.2018	25.9.2018
Data tal-adozzjoni	21.11.2018	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25	–: 5
	0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Arthuis, Richard Ashworth, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Urmas Paet, Răzvan Popa, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Jordi Solé, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Stanisław Żółtek	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Karine Gloanec Maurin, Tomáš Zdechovský	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

25	+
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez, Urmas Paet
PPE	Richard Ashworth, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Monika Hohlmeier, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Patricija Šulin, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský
S&D	Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Vladimír Maňka, Răzvan Popa, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Manuel dos Santos
VERTS/ALE	Jordi Solé, Indrek Tarand

5	-
ECR	Zbigniew Kuźmiuk, Bernd Kölmel
ENF	André Elissen, Stanisław Żółtek
NI	Eleftherios Synadinos

0	0

It-tifsira tas-simboli:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni